TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 446/10

**David Andrews**

**vs**

**Carpisa**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u tmienja u tletin ewro (€138), rappreżentanti bagalja li meta tela' fuq ir-Ryanair ma kinitx tal-qies tajjeb.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi peress li kien sejjer fuq ir-Ryanair, talab għal bagalja speċifika u li meta tela' fuq ir-Ryanair ma kinitx tal-qies tajjeb.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet min-naħa l-oħra li r-rikorrenti talab biss '*light weight luggage*' u li ma talabx specifikament għar-Ryanair.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal iffaċċjat b'dawn iż-żewġ verżjonijiet, qed jara min qiegħed jgħid il-verita', pero' tenut kont ta' kollox. Ir-rikorrenti seta' faċilment jiċċekja r-rekwiziti tal-bagalji tar-Ryanair speċjalment li meta tibbukja bir-Ryanair, tibbukja *online* u allura tkun taf ir-rekwiżiti, u li għalhekk seta' jqabbel ir-rekwiżiti mal-bagalji.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**